

# Il-Kunċizzjoni ta' Ħal Tarxien

*minn Karmenu Massa u Aurele Gafà*

Fil-Parroċċa tagħna nsibu mwaqqfa ħames fratellanzi. Erbgħa minnhom huma b'titli tal-Madonna. Il-fratellanzi twaqqfu matul żminijiet differenti fil-ħajja tal-parroċċa. L-ewwel tnejn, dawk tas-Santissmu Sagrament u tal-Madonna tar-Rużarju twaqqfu ftit żmien wara li Ħal Tarxien inqata' Parroċċa għalih minn dik ta' Bir Miftuħ. Fl-1668 twaqqfet il-Fratellanza tal-Kuncizzjoni. Fl-1748 twaqqfet il-Kongregazzjoni tad-Duttrina li wara giet ravvivata bħala l-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina fl-1874. Fl-1770 twaqqfet dik tal-Madonna taċ-Ċintura.

Dan ifisser li din is-sena l-Fratellanza tal-Kunċizzjoni tagħlaq 350 sena mit-twaqqif tagħha. Bis-saħħa ta' dan l-anniversarju diġà nkitbu xi artikli b'informazzjoni bażika dwar din il-Fratellanza, iżda hawn xtaqna nġibu għall-attenzjoni tagħkom xi tagħrif interessanti li s'issa għadu ma ġiex ippubblikat. Dan it-tagħrif miksub minn rikorsi differenti li fil-passat kienet għamlet din il-Fratellanza, jixħet dawl fuq il-ħidma tagħha meta kienet tassew attiva fit-tieni nofs tas-seklu dsatax.

**L-amministrazzjoni**

F'kull fratellanza bħal fl-għaqdiet insibu l-karigi tat-tmexxija. Forsi l-aktar kariga magħrufa hija dik tar-Rettur għax fil-purċissjonijiet narawh jimxi l-aħħar b'midalja kbira fuq sidru, iżda hemm karigi oħra fosthom tas-Segretarju u l-Konsulturi. Però, fil-passat konna nsibu wkoll il-kariga tal-Prokuratur li kien jingħażel mill-fratelli. Dan filwaqt li llum bil-bidla li għamlet il-kurja fl-istatut bażiku għall-fratellanzi kollha, il-prokuratur ta' kull fratellanza sar ikun il-Kappillan jew l-Arċipriet. Dan bir-raġun għax xogħol il-prokuratur kien li jieħu ħsieb l-assi tal-fratellanza. Fil-fatt qabel ħafna drabi dawk il-fratellanzi li ma kellhomx lill-Kappillan bħala prokuratur kienu jappuntaw xi saċerdot ieħor biex jagħmel dan ix-xogħol.

Proprju l-ewwel rikors joħodna lura għat-8 ta' Marzu tal-1875 u jitratta kwistjoni dwar il-ħatra ta' prokuratur ġdid għal din il-Fratellanza[1]. Dan ir-rikors intbagħat minn Dun Ġovanni Camenzuli – Konsultur, Salvatore Ciantar – Segretarju, Gaetano Ciantar – amministratur tal-legat Montebello, Salvatore Sacco – Prefett (Rettur) u l-uffiċjali kollha tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni lill-Vigarju Kapitulari, peress li l-Isqof Gaetano Pace Forno kien miet u l-Isqof Carmelo Conti Sciclunа kien għad jonqsu sitt ijiem biex jiġi appuntat[2].

L-uffiċjali tal-Fratellanza jidher li ħassew il-ħtieġa jiktbu l-kurja għaliex fuq ordni tal-Isqof il-mejjet (aktarx qed jirreferu għal Pace Forno) il-prokuraturi kellhom jirtiraw wara sentejn ta' amministrazzjoni u wara jiġi nnominat suċċessur. Iżda, l-Kappillan Dr Dun Pawl Lauron kien sejjaħ konsulta tal-Fratellanza u nnomina lill-Kanonku Dun Ġużepp Rizzo tal-Kolleġġjata tal-Isla bħala Prokuratur meta



**L-Isqof Gaetano Pace Forno**

dan kien diġà ilu tliet snin u erba' xhur jamministra l-prokura tal-Kunċizzjoni. Għalhekk il-fratelli ħassew li l-ordni tal-Isqof ma ġietx segwita sew. Jidher li l-kwistjoni saret taħraq sew għax il-fratelli kitbu li l-Kappillan ma riedx jisma' imma ried bilfors lill-Kanonku Rizzo prokuratur meta skonthom, dan ma kienx joqgħod Ħal Tarxien u b'hekk anqas kien preżenti għall-konsulta li saret siegħa wara nżul ix-xemx allura ma setax iservi l-interessi tal-Fratellanza. Biex tiġi rranġata s-sitwazzjoni, il-fratelli talbu lill-Vigarju biex isejjaħ Konsulta oħra biex jiddeċiedu dwar dan, inkella jaħtar prokuratur ġdid hu mingħajr ma jlaqqa' l-konsulta għax kienu jemmnu li dan kien ikun ta' vantaġġ għall-Fratellanza[3].

Il-qiegħa bejn il-Fratellanza u l-Kappillan jidher li saħnet sew hekk li ntbagħtu żewġ rikorsi oħra f'dan ir-rigward. B'hekk it-tieni rikors inbagħat mill-Kappillan

*Il-vara tal-Kunċċizzjoni armata fil-bidu tas-seklu 20*

*ikompli f'paġna 64*



Lauron innifsu fid-29 t'April tal-1875[4] waqt li t-tielet wieħed intbagħat minn Dun Franġisk Caruana fil-25 ta' Settembru tal-istess sena[5]. Minn dawn ir-rikorsi nsiru nafu li l-Vigarju kien laqa' t-talba tal-fratelli b'digriet li ħareġ fl-10 ta' Marzu u ġie appuntat Dun Franġisk Caruana minn Ħal Tarxien bħala prokuratur. Il-Kappillan ma ħax gost b'dan u ġaladarba ma setax jannulla d-digriet issospendih sal-aħħar t'Ottubru. Għalhekk fir-rikors tiegħu għamel żewġ talbiet, l-ewwel waħda biex il-Kanonku Rizzo jibqa' prokuratur sal-aħħar t'Ottubru u t-tieni waħda li l-prokuratur jiġi elett waqt il-Konsulta tal-fratelli. Mir-rikors ta' Dun Franġisk Caruana nsiru nafu li l-ewwel talba tal-Kappillan intlaqgħet mill-Isqof u kemm il-Kanonku Rizzo kien miġjub mill-Kappillan tant li għalkemm ma kienx joqgħod ir-raħal hu kien afdat ukoll bil-prokura tas-sodalitajiet tal-Agunija u tal-Bambin. F'dan ir-rikors Dun Franġisk jagħti elenku sħiħ dwar kif seħħew l-affarijiet u jagħmel l-argumenti tiegħu iżda fl-aħħar mill-aħħar imur għat-triq tal-bilanċ u l-kompromess. Fil-fatt fit-talba tiegħu lill-Isqof hu jgħid li d-digriet tal-10 ta' Marzu kien leġittimu iżda kien jemmen li dan kellu jibqa' sospiż sal-10 t'Ottubru. Dan jagħmlu filwaqt li jissottemetti ruħu għall-prokura ta' din il-fratellanza dejjem jekk ikollhom pjaċir bih il-fratelli[6].

**Il-vara**

F'nofs dawn il-battibekki msemmija hawn fuq insibu rikors ieħor li ġie ppreżentat fil-palazz tal-Isqof proprju mill-Kanonku Dr Dun Ġużepp Rizzo bħala prokuratur tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni[7]. F'dan ir-rikors jgħid li l-fratelli ta' din il-Fratellanza ilhom anzjużi li jkollhom statwa li tirrappreżenta l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Marija Santissma. Lejha huma juru devozzjoni kbira. Għalhekk hu, bħala prokuratur qed iwassal din ix-xewqa qaddisa billi jitlob lill-Isqof ħalli jkun jista' jikkummissjona din l-istatwa tant mixtieqa, li kienet se tiswa erbatax -il lira sterlina. Hawn ikompli li hu għandu tmien liri li ngħata bħala donazzjoni mid-devoti u mill-fratelli. Hu jitlob ukoll biex is-sitt liri l-oħra ikun jista' jeħodhom mill-kaxxa tal-istess Fratellanza, li tagħha se tkun din l-istawa tant mixtieqa.

Kitba oħra taħt dan ir-rikors tidher li hi magħmula mill-Kappillan Lauron fejn kiteb li hu jħossu fid-dover li jassigura lill-Isqof fuq dak li hemm. Ikompli jikteb li l-imsemmi prokuratur hu impenjat ħafna għall-ġid ta' din il-kongregazzjoni, u li hu kien għal xi żmien wiegħed li jagħmel din l-istatwa u għalhekk din ix-xewqa kellha tiġi milqugħa. Fl-aħħar ta' din in-nota, wara t-tislima lill-Isqof, insibu l-firma tal-Kappillan Lauron u d-data tat-2 ta' Gunju 1875.

Bħal fir-rikorsi l-oħrajn kollha, fil-ġenb insibu kitba vertikali bil-Latin iżda ma' dan ir-rikors insibu żewġ kitbiet. L-ewwel waħda tgħid li l-Kappillan ġie infurmat u li d-digriet ġie mogħti fil-palazz ta' l-Isqof il-belt Valletta fid-29 ta' Mejju 1875 u ffirmata mill-Isqof Mons. Carmelo Scicluna. Dan filwaqt li n-nota l-oħra tagħti l-kunsens biex dak mitlub iseħħ. Din il-kitba ġġib id-data tal-10 ta' Ġunju 1875. Taħtha wkoll hemm il-firma tal-Isqof Mons. Carmelo Scicluna. Għalhekk hawn naraw li l-vara ta' Marija Immakulata ta' Ħal Tarxien saret wara dawn id-dati.

**Il-ħidma tal-Fratellanza**

Fi żmienna ħafna jaħsbu li fratellanzi qegħdin hemm biss biex jakkumpanjaw il-purċissjoni iżda l-verità hi ferm 'il bogħod



*Odilone Caruana*

minn hekk. Forsi ftit huma dawk li jiftakru x'kienet tikkonsisti l-ħidma tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni fir-raħal tagħna iżda rikors mibgħut fl-24 ta' Frar 1882 jixħet dawl tajjeb fuq dan l-aspett[8]. F'dan ir-rikors mibgħut minn Odilone Caruana prokuratur u prefett (rettur) jitlob biex il-Fratellanza tingħata l-permess tagħmel konferenzi sagri. Caruana jitlob biex kull nhar ta' Ħadd, tliet kwarti wara l-Angelus ta' filgħaxija l-Fratellanza tal-Kunċizzjoni tkun tista' tagħmel opri ta' pieta. Jitlob ukoll biex fil-Ħdud tax-xahar ta' Marzu ta' kull sena tkun tista' tagħmel konferenzi sagri permezz tad-direttur spiritwali tagħha.

**Għeluq**

Kollox u kulħadd għandu l-istorja tiegħu aħseb u ara Fratellanza ta' 350 sena. Huwa żgur li fadal ħafna iżjed riċerka xi ssir dwar din il-Fratellanza li kieku wieħed kellu jistudjaha sew. Iżda r-riċerka waħedha ma tiswa' għalxejn. Ikun ħafna iktar għaqli li Fratellanzi bħal din jingħataw il-ħajja u jerġgħu jibdew jiffunzjonaw biex hekk dak li bdew ta' qabilna ma jsirx sempliċi storja iżda jkun parti mill-ħajja tagħna.

---

1 A.M.D. Registrum Supplicationum Vol 75, 1875, 78
2 http://www.catholic-hierarchy.org/country/bmt.html
3 Ibid., R.Supp .75. 1875, 78
4 Ibid., R.Supp .75. 1875, 167
5 Ibid., R.Supp .75. 1875, 370
6 Ibid.,
7 Ibid., R.Supp .75. 1875, 221
8 Ibid., R.Supp .84. 1882, 371